MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 302/2012

**Mediamax Limited – C42304**

**Vs**

**Cities Entertainment Limited – C16222**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-talba li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mija u sebgha u disghin ewro u sebghin centezmu (€1,197.70c) rapprezentanti l-ammont dovut mis-socjeta` intimata Cities Enterainment Limited lis-socjeta` rikorrenti Mediamax Limited rigward l-uzu u l-kiri ta' 'billboard' li kif jidher mill-invoice hawn anness u mmarkat bhala Dok "MM 01" liema somma baqghet ma thallsitx minkejja li l-intimati gew interperlati li jaghmlu dan u ghalhekk kellha issir din il-kawza; bl-imghaxijiet legali bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta ikkalkulat mid-data tal- fattura relattiva sal-pagament effettiv. U bl-ispejjez gudizzjarji w extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, inkluz tal-Mandat ta'

Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra s-socjeta intimata li minn issa ingunta in subizzjoni.

Ra illi s-socjeta` konvenuta debitament notifikata naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-nota ta' ammissjoni tas-socjeta` konvenuta pprezentata fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2012.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u sebgha u disghin ewro u sebghin centezmu (€1,197.70c) bl-imghax kif miltuba.

Bl-ispejjez ikunu akkarigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------